# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Dicembru, 2015

**Talba Nru: 37/15/VG**

**E. Grech Cristal Bath Limited,**
**din l-ahhar kelma mizjuda**
**b'digriet datat 24 ta' Settembru, 2015**

**Vs**

**Paul ZARB**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-20 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn sitt mija u erbgha u hamsin euro u tlieta u disghin centezmi ta' euro [€2,654.93c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta attrici (E. Grech Cristal Bath Limited) hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' Euro 2654.93 (elfejn sitt mija erbgha u hamsin euro u tlieta u disghin cent) kif jirrizulta mill-annessi fatturi (kopja ta' liema fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dok EG 1 sa EG 3);
>
> Illi dan l-ammont huwa dovut mill-konvenut u jirraprezentaw hsarat fil-vettura tat-tip Peugeot (Partner) bir-resgitrazzjoni IBN-151 liema vettura tappartjeni lis-socjeta attrici u li kienet misjuqa mill-impjegat taghhom u cioe l-konvenut u liema danni gew subiti b'konsegwenza tal-incident

awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' Dicembru 2013, u li l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u/jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kif gia gie stipulat;

Illi s-socjeta attrici qeghda taghmel din it-talba wara li l-konvenut gie interpellat kemm informalment kif ukoll formalment permezz ta' telefonati u ittri izda l-istess konvenut baqa inadempjenti;

Illi ghar-ragunijiet premessi s-socjeta attrici qeghda titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lil konvenut jhallas l-ammont ta' Euro 2654.93 (elfejn sitt mija erbgha u hamsin euro u tlieta u disghin cent), bl-ispejjez".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-18 ta' Frar, 2015 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"It-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1) Illi fl-ewwel lok tigi eccepita rationae materiae l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal peress li l-incident de quo jittratta dwar incident awtmobilistiku;

2) Illi ghandha tigi ppruvata li l-allegata responsabilta da parti tal-konvenut;

3) Illi ghandha tigi ppruvata l-allegat danni sofferti da parti tal-atturi;

4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri u permessibbli skond il-ligi".

Ra **r-risposta ulterjuri tal-intimat** minnu mressqa fis-6 ta' Marzu, 2015 u li permezz taghha huwa qal:

"Illi l-esponenti sar jaf li l-vettura in kwistjoni u cioe IBN-151 kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni comprehensive.

Illi s-socjeta konvenuta (recte: attrici) thallset l-ammont pretiz minghand Elmo Insurance Limited.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar sabiex jichad it-talbiet tas-socjeta attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici".

**Ra d-digriet tieghu datat 24 ta' Settembru, 2015** fejn it-Tribunal cahad it-talba ghall-kjamat fil-kawza tas-socjeta Elmo Insurance Limited;

Ra d-digriet tieghu datat 27 ta' Novembru, 2015 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

1. Il-fatti li huma ta' relevanza ghal dan is-sentenza u li johorgu mill-atti processwali huma s-segwenti:

   i. L-intimat kien impjegat mas-socjeta rikorrenti;

   ii. Fit-2 ta' Dicembru, 2013 l-intimat kien involut f'incident awtomobilistiku b'vettura proprjeta tas-socjeta rikorrenti;

   iii. Is-socjeta rikorrenti accettat ir-responsabbilita ghal dan l-incident u sostniet li l-istess incident sehh minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u/jew nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-intimat;

   iv. Il-vettura misjuqa mill-intimat, proprjeta tas-socjeta rikorrenti u cioe Peugeot Partner Van bil-pjanca ta' registrazzjoni IBN-151 kienet koperta b'polza tat-tip *comprehensive* fid-data ta' l-incident.

   v. George Stagno Navarra, rapprezentant tas-socjeta Elmo Insurance Limited qal li fit-2 ta' Dicembru, 2013, Emanuel Grech, ghas-socjeta rikorrenti kien ghamel claim mas-socjeta Elmo Insurance Limited, hallas excess ta' €200 u wara li l-imsemmija socjeta investigat il-kaz, hija hallset l-ammont ta' €2,158.79c lis-socjeta rikorrenti u s-somma ta' €1,100.34c lit-terza persuna involuta f'dan l-incident li kien qieghed isuq il-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni TON-045.

   vi. Martin Camilleri, rapprezentant tas-socjeta Elmo Isnurance Limited qal li meta huma kienu kkomunikaw mas-socjeta rikorrenti, Emanuel Grech kien infurmahom li huwa ma riedx jaghmel claim fuq il-hsarat li garbet il-vettura tieghu. Minkejja dan, kompla jghid l-imsemmi xhud, huma kellhom xorta wahda jifthu *claim* peress li kien hemm hsarat li garbu terzi persuni.

vii. L-istess Martin Camilleri qal li s-socjeta rikorrenti kienet qeghda taghmel hafna *claims* mas-socjeta minnu rapprezentata u allura kien ser jizdied il-*premium* li kienet qeghda thallas. Zied ighid li kien sar ukoll *loading* fuq il-poloz tal-assikurazzjoni ghar-rigward tal-vetturi tas-socjeta rikorrenti u dan peress li l-esperjenza assikurattiva taghhom ma tantx kienet wahda tajba. Peress li l-*claim* giet ipprocessata mis-socjeta assikuratrici din kienet harget *credit note* (dok. DC 1 a fol. 57) fl-ammont ta' €2,158.79c biex imbaghad dawn il-flejjes jinghataw lis-socjeta rikorrenti. It-terz thallas ghal hsarat sofferti mis-socjeta Elmo Insurance Limited.

viii. Michael Palmier, *senior manager* mas-socjeta Elmo Insurance Limited qal li l-imsemmija socjeta kienet harget *credit note* bin-numru YO8463 datata 4 ta' April 2014 ghall-ammont ta' €2,158.79c. Din harget fuq is-socjeta rikorrenti ghal polza ta' l-assikurazzjoni bin-numru 409 101 1495. Il-*claim* kellha referenza numru 13T1516. Sahaq li s-socjeta minnu rapprezentata tohrog *credit note* meta l-klijent ikollu jaghtihom il-flus. F'kaz li ma jkollux jaghti, huma ma johorgux *credit note* izda jhallsuh permezz ta' cekk. Qal li wara li kienet intbaghtet din il-credit note lis-socjeta rikorrenti, din ghamlet diversi pagamenti lis-socjeta minnu rapprezentata bil-konsegwenza li din il-*credit note* spiccat qatt ma ntuzat u ghadha prezenti.

ix. Is-socjeta rikorrenti hallset is-somma ta' €2,654.93, l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri, sabiex tissewwa l-hsara kkawzata mill-intimat fil-van proprjeta taghha.

x. Emanuel Grech, direttur tas-socjeta rikorrenti qal li huwa kien staqsa lill-intimat ghal hlas tal-hsarat sofferti mis-socjeta rikorrenti minhabba dan l-incident u li hu ma kienx thallas mis-socjeta Elmo Insurance Limited.

xi. L-intimat ma ghadux fl-impjieg tas-socjeta rikorrenti u qal li jekk din il-kawza tirnexxi ghas-socjeta rikorrenti, hija ha tkun thallset darbtejn ghal istess incident. Darba mis-socjeta Elmo Insurance Limited li tatha l-*credit note* fl-ammont ta' €2,158.79c u l-ammont ta' €2654.93c reklamat b'dawn il-proceduri.

2. Illi permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob lill-impjegat taghha sabiex ihallasha ghad-danni li sehhew f'vettura taghha, misjuqa minnu, meta din kienet involuta f'incident awtomobilistiku ma

terzi. Dan it-terz diga thallas mis-socjeta assikurattrici tas-socjeta rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob li l-intimat jaghmel tajjeb ghad-danni subiti fil-vettura taghha u li dan qeghda taghmlu l-ghaliex hija ma tridx taghmel *claim* u dan peress li jekk taghmel hekk, l-ispiza li hija tonfoq fi premium ser jizdied. Pero dan l-argument tas-socjeta rikorrenti, bid-dovut rispett, ma jreggiex l-ghaliex il-*claim* saret, tant li t-terz kien thallas mis-socjeta assikuratrici tas-socjeta rikorrenti u l-istess socjeta assikuratrici harget *credit note* a favur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €2,158.79c.

3. L-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* tat-Tribunal peress li l-incident de quo jittratta dwar incident awtomobilistiku. L-intimat ma ghandux ragun f'din l-eccezzjoni tieghu. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat. It-Talba ma hijiex maghmula mit-terz li kien involut fil-habta mal-intimat. Il-kaz odjern jinvolvi kawza bejn id-datur tax-xoghol tal-intimat ma l-istess intimat. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob rifuzjoni tal-hlasijiet li hija ghamlet sabiex sewwiet il-vettura taghha li kienet misjuqa mill-intimat u li kienet involuta fil-habta mat-terz. Ghalhekk, din l-eccezzjoni ta' l-intimat qeghda tigi michuda. Is-socjeta assikuratrici tas-socjeta rikorrenti diga ghamlet tajjeb ghal hsarat li kien garrab it-terz u dan peress li hija kienet tal-fehma li ghal dan l-incident kien jahti l-intimat. Isegwi ghalhekk li t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jidhol fil-kwistjoni tar-responsabbilita o meno ta' l-incident. F'kull kaz, l-intimat ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu u ghalhekk ukoll, din it-tieni eccezzjoni tieghu qeghda tigi michuda.

4. Illi mid-dokumentazzjoni esebita, t-Tribunal huwa sodisfatt li s-socjeta rikorrenti irnexxielha tipprova li l-ispejjez involuti fir-riparazzjoni tal-vettura proprjeta taghha jammontaw ghas-somma reklamata ta' €2,654.93c. Ara f'dan ir-rigward id-dokumentazzjoni esebita a fol. 3, 4 u 5 tal-process. L-intimat baqa ma kkontestax dawn l-ammonti u allura t-Tribunal qieghed jiehu l-istess bhala pprovati.

5. Fl-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, l-intimat qal li huwa sar jaf li l-vettura bil-pjanca ta' registrazzjoni numru IBN-151, proprjeta tas-socjeta rikorrenti, kienet assikurata b'polza tal-assikurazzjoni tat-tip *comprehensive* u li s-socjeta rikorrenti thallset l-ammont pretiz minghand is-socjeta assikurattrici taghha, s-socjeta Elmo Insurance Limited. L-intimat ghandu ragun f'dan. Irrizulta mill-provi li s-socjeta assikurattrici tas-socjeta rikorrenti kienet ipprocessat il-*claim* tant li t-terz kien thallas minnha u hija harget *credit note* a favur tas-socjeta rikorrenti, liema *credit*

*note* is-socjeta rikorrenti sal-lum ghada ma utilizzatx. Fix-xhieda tieghu, l-intimat qal li jekk it-Tribunal jikkundannah ihallas l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, hija ser tkun qeghda tircievi ferm izjed minn dak li hija effettivament tilfet. F'dan ir-rigward qal li "*B'hekk jekk jiena jekk is-socjeta rikorrenti tinghata ragun f'din il-kawza s-socjeta rikorrenti ha tkun qeghda tiehu s-somma ta' elfejn sitt mija erbgha u hamsin Ewro u tlieta u disghin centezmi ta' Ewro (€2654.93c) skond it-talba taghha u elfejn mija u tmienja u hamsin Ewro u disgha u sebghin centezmu ta' Ewro (€2158.79c) skont il-credit note. B'hekk ikunu gabru mal-erbat elef u tmien mitt Ewro (€4800) ghal hsara li tiswa elfejn Euro (€2000) bejn wiehed u iehor...*". Kif diga inghad, l-intimat ghandu ragun f'dan ir-rigward.

6. Dan ifisser li mill-ammont reklamat ta' €2,654.93c, is-socjeta rikorrenti ghandha *credit note* fl-ammont ta' €2,158.79c u li ghar-ragunijiet taghha ghadha ma utilizzatx sal-lum. B'hekk l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta rikorrenti d-differenza bejn dawn iz-zewg ammonti u cioe l-ammont ta' €496.14c.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Jichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tieghu rationae materiae;

2. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat kull fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

3. Jilqa in parte t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' erba' mija sitta u disghin euro u erbatax-il centezmi ta' euro [€496.14c] bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**